

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' Meju 2022 – Freixas Montpelt et vs Il-Kumitat tar-Reġjuni****(Kawża T-260/22)**

(2022/C 244/63)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

*Rikorrenti:* David Freixas Montpelt (Berchem-Sainte-Agathe, il-Belġju), Gustavo Lopez Cutillas (Woluwé Saint Pierre, il-Belġju), Valeria Schirru (Brussell, il-Belġju), Svetlozar Andreev (Brussell) (rappreżentanti: L. Levi u P. Baudoux, avukati)

*Konvenut:* Il-Kumitat tar-Reġjuni

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli u fondat;
- konsegwentement, tannulla l-lista tal-uffiċjali eliġibbli għal promozzjoni bil-proċedura ta' promozzjoni 2021 sa fejn din il-lista ma tinkludix isem D. Freixas Montpelt fil-grad AST5, G. Lopez Cutillas fil-grad AD6, V. Schirru fil-grad SC2 u S. Andreev Svetlozar fil-grad AD10;
- sa fejn ikun meħtieġ, tannulla d-deċiżjoni tal-konvenut tal-11 ta' Frar 2022 li tiċħad l-ilmenti tar-rikorrenti;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità tad-deċiżjoni tas-16 ta' Ġunju 2021 li tikser l-Artikolu 45(1) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità tad-deċiżjoni tas-16 ta' Ġunju 2021 li tikser il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

---

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Meju 2022 – Suicha vs EUIPO – Michael Kors (Switzerland) International (MK MARKTOMI MARKTOMI)****(Kawża T-264/22)**

(2022/C 244/64)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet**

*Rikorrent:* Lin Suicha (Zhejiang, iċ-Ċina) (rappreżentant: J. Donoso Romero, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Michael Kors (Switzerland) International GmbH (Manno, l-Isvizzera)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* Trade mark figurattivi tal-Unjoni Ewropea MK MARKTOMI MARKTOMI –Trade mark tal-Unjoni Nru 17 946 599

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' kanċellazzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Marzu 2022 fil-Każ R 1899/2021-1

**Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha;
- tiċħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità fl-intier tagħha;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjenti għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 60(1)(a) flimkien mal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
-